KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
PITRUZZELLA
ippreżentati fil-15 ta’ Diċembru 2022[1]

**Kawża C-570/21**

**I.S.,**
**K.S.**
**vs**
**YYY. S.A.**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Rejonowy dla Warszawy-Woli w Warszawie (il-Qorti Distrettwali ta’ Varsavja - Wola, li għandha s-sede tagħha f’Varsavja, il-Polonja))

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tal-konsumaturi – Direttiva 93/13/KEE – Klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi – Kunċett ta’ konsumatur – Kuntratt b’għan doppju konkluż minn persuna li teżerċita attività professjonali jew kummerċjali u minn oħra li ma twettaq l-ebda attività professjonali – Marġinalità jew assenza ta’ predominanza tal-għanijiet professjonali jew kummerċjali fil-kuntest globali tal-kuntratt iffirmat”

1. Jista’ jiġi kklassifikat bħala konsumatur, għall-finijiet tal-protezzjoni prevista mid-dritt tal-Unjoni Ewropea kontra l-klawżoli inġusti, dak li, fl-eżerċizzju ta’ attività kummerċjali jew professjonali, ikun ikkonkluda kuntratt ta’ self ma’ persuna oħra li tissellef li ma teżerċitax attività simili, meta jkun aġixxa parzjalment fil-kuntest tal-attività tiegħu u parzjalment barra minnha, filwaqt li, fil-kuntest ġenerali tal-kuntratt, in-natura kummerċjali jew professjonali ma hijiex predominanti?

## I. Il-kuntest ġuridiku

### A. *Id-dritt tal-Unjoni Ewropea*

#### 1. *Id-Direttiva 93/13/KEE*

2. Skont l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 93/13/KEE[2]:

“L-għan ta’ din id-Direttiva huwa li japprossima l-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi ta’ l-Istati Membri relatati ma’ klawżoli inġusti f’kuntratti konklużi bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur”.

[1] Lingwa oriġinali: it-Taljan.

[2] Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta’ April 1993 dwar klawżoli inġusti f’kuntratti mal-konsumatur, (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288), iktar ’il quddiem id-“Direttiva 93/13/KEE”.

3. L-Artikolu 2 ta' tali Direttiva jistabbilixxi li:

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva

(...)

(b) 'konsumatur' tfisser kull persuna naturali li, f'kuntratti koperti minn din id-Direttiva, tkun qiegħda taġixxi għal skopjiet li jkunu barra s-sengħa, in-negozju jew il-professjoni tagħha;

(ċ) 'bejjiegħ jew fornitur' tfisser kull persuna naturali jew legali li, f'kuntratti koperti minn din id-Direttiva, tkun qiegħda taġixxi għal skopijiet relatati mas-sengħa, in-negozju jew il-professjoni tagħha, sew jekk proprjetà pubblika u sew jekk propjetà privata".

*2. Id-Direttiva 2011/83/UE*

4. Il-premessa 17 tad-Direttiva 2011/83/UE[3] tistabbilixxi li:

"Id-definizzjoni ta' konsumatur għandha tkopri l-persuni fiżiċi li mhumiex qed jaġixxu fil-kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni tagħhom. Madankollu, fil-każ ta' kuntratti għal żewġ għanijiet, fejn il-kuntratt huwa konkluż għal skopijiet parzjalment fl-ambitu jew parzjalment barra mill-ambitu tal-kummerċ ta' persuna u l-iskop ta' kummerċ tant huwa limitat li mhuwiex predominanti fil-kuntest kumplessiv tal-kuntratt, dik il-persuna wkoll għandha titqies bħala konsumatur".

5. L-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, intitolat "Definizzjonijiet", jistabbilixxi li:

"Għall-għan ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) 'konsumatur' tfisser kwalunkwe persuna fiżika li, f'kuntratti koperti minn din id-Direttiva, tkun qiegħda taġixxi għal skopijiet li jkunu lil hinn mis-sengħa, in-negozju jew il-professjoni tagħha;

(2) 'kummerċjant' tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew kwalunkwe persuna ġuridika, indipendentement mill-fatt li tkun suġġett pubbliku jew privat, li taġixxi, anki permezz ta' persuna li tkun qed taġixxi f'isimha jew għall-interessi tagħha, għall-iskopijiet relatati mal-kummerċ, in-negozju, is-sengħa jew il-professjoni tagħha fil-kuntatti koperti minn din id-Direttiva (...)".

3 Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2011, L 304, p. 64), iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2011/83/UE".

### 3. *Id-Direttiva 2013/11/UE*

6. Il-premessa 18 tad-Direttiva 2013/11/UE [4] tistabbilixxi li:

"Id-definizzjoni ta' 'konsumatur' għandha tkopri l-persuni fiżiċi li jaġixxu barra mill-kummerċ, in-negozji, is-sengħa jew il-professjoni tagħhom. Madankollu, jekk il-kuntratt jiġi konkluż għal skopijiet parzjalment ġewwa u parzjalment barra mill-kummerċ tal-persuna (kuntratti bi skop doppju) u l-iskop tal-kummerċ ikun limitat b'tali mod li ma jkunx predominanti fil-kuntest ġenerali tal-forniment, dik il-persuna għandha titqies ukoll bħala konsumatur".

7. L-Artikolu 4(a) u (b) ta' din id-direttiva, intitolat "Definizzjonijiet", jipprevedi li:

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

(a) 'konsumatur' tfisser kwalunkwe persuna fiżika li taġixxi għal finijiet li ma għandhomx x'jaqsmu mal-kummerċ, in-negozju, is-sengħa jew il-professjoni tiegħu;

(b) 'negozjant' tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew persuna ġuridika, irrispettivament minn jekk tkunx ta' pussess privat jew pubbliku, li taġixxi, inkluż permezz ta' persuna li taġixxi f'ismu jew għalih, għal skopijiet relatati mal-kummerċ, in-negozju, is-sengħa jew il-professjoni tiegħu;

(...)".

### 4. *Ir-Regolament (UE) Nru 524/2013*

8. Il-premessa 13 tar-Regolament Nru 524/2013 [5] tistabbilixxi li:

"Id-definizzjoni ta' 'konsumatur' għandha tkopri l-persuni fiżiċi li jaġixxu barra mill-kummerċ, in-negozji, is-sengħa jew il-professjoni tagħhom. Madankollu, jekk il-kuntratt jiġi konkluż għal skopijiet parzjalment ġewwa u parzjalment barra mill-kummerċ tal-persuna (kuntratti bi skop doppju) u l-iskop tal-kummerċ ikun limitat b'tali mod li ma jkunx predominanti fil-kuntest ġenerali tal-forniment, dik il-persuna għandha titqies ukoll bħala konsumatur."

9. Anki l-Artikolu 4(a) u (b) tal-istess regolament, intitolat "Definizzjonijiet", jistabbilixxi wkoll li:

"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

(a) 'konsumatur' tfisser konsumatur kif definit fil-punt (a) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2013/11/UE;

(b) 'negozjant' tfisser negozjant kif definit fil-punt (b) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2013/11/UE;

(...)".

[4] Direttiva 2013/11/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi u li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE (id-Direttiva dwar l-ADR tal-konsumaturi), (ĠU 2013, L 165, p. 63), iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2013/11".

[5] Regolament (UE) Nru 524/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-soluzzjoni online għal tilwim mal-konsumaturi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE (Regolament dwar l-ODR tal-konsumaturi), (ĠU 2013, L 165, p. 1), iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru. 524/2013".

### *B. Id-Dritt Pollakk.*

10. L-Artikolu 22[1] tal-Kodeks cywilny (il-Kodiċi Ċivili), fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali, jiddefinixxi l-"konsumatur" bħala "kull persuna fiżika li twettaq att ġuridiku ma' bejjiegħ jew fornitur, att li ma huwiex direttament marbut mal-attività kummerċjali jew professjonali tagħha".

11. Skont l-Artikolu 385[1] tal-Kodiċi Ċivili:

"(1) Il-klawżoli ta' kuntratt konkluż ma' konsumatur li ma jkunux ġew innegozjati individwalment ma jorbtux lill-konsumatur meta huma jiddefinixxu d-drittijiet u l-obbligi tiegħu b'mod li jmur kontra l-moralità, billi jippreġudikaw manifestament l-interessi tiegħu (klawżoli illegali). Din id-dispożizzjoni ma tikkonċernax it-termini li jiddefinixxu l-obbligi prinċipali tal-partijiet, fosthom ir-remunerazzjoni, jekk dawn ikunu ġew ifformulati b'mod inekwivoku.

(2) Jekk klawżola tal-kuntratt ma tkunx vinkolanti għall-konsumatur fis-sens tal-paragrafu 1, il-partijiet jibqgħu marbuta mill-klawżoli l-oħra tal-kuntratt.

(3) Il-kundizzjonijiet ta' kuntratt li ma ġewx innegozjati individwalment huma dawk li fuq il-kontenut tagħhom il-konsumatur ma kellu ebda influwenza konkreta. Dawn huma b'mod partikolari l-klawżoli li jinsabu f'mudell ta' kuntratt offrut lill-konsumatur mill-parti kontraenti.

(4) Kull min isostni li terminu ġie nnegozjat individwalment għandu jagħti prova ta' dan it-terminu".

## II. Il-fatti, il-proċedura fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari.

12. Fit-28 ta' Frar 2006, I.S. u K.S. talbu l-konklużjoni ta' kuntratt ta' self ipotekarju lir-rappreżentant legali tal-konvenuta fil-kawża prinċipali (fi franki Svizzeri) sabiex, parzjalment, iħallsu lura ċerti djun tal-attività kummerċjali ta' wieħed mill-konjuġi u parzjalment sabiex jixtru proprjetà immobbli.

13. L-ammont totali tas-somom mitluba kien jammonta għal PLN 206 120.00, li minnhom PLN 96 120.00 kienu ġew allokati għall-finanzjament ta' ċerti djun ta' wieħed mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali u PLN 110 000.00, minflok, sabiex jissodisfaw bżonnijiet privati ta' konsum.

14. Fir-rigward tal-pożizzjoni ta' negozjar tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, I.S. kien jeżerċita attività professjonali bħala soċju ta' kumpannija sempliċi. Min-naħa l-oħra, K.S. kien jaħdem ma' impriża bħala ħaddied.

15. Fil-21 ta' Marzu 2006, I.S. u K.S., minn naħa, u l-istituzzjoni ta' kreditu, konvenuta fil-kawża prinċipali, min-naħa l-oħra, finalment ikkonkludew il-kuntratt ta' self għas-somma totali ta' PLN 198 996.73 indiċjat fuq ir-rata tal-kambju fi franki Svizzeri, bil-kundizzjonijiet tal-kuntratt prinċipali u bil-kundizzjonijiet ġenerali tal-kuntratt ta' self ipotekarju.

16. Dan l-ammont kellu jitħallas f'300 kwantità indaqs. B'mod partikolari, l-ewwel waħda minnhom ġiet allokata għar-rimbors tas-somma ta' PLN 70 000.00, imħallsa mill-istituzzjoni ta' kreditu favur ir-rikorrenti f'kont speċifikament iddedikat għall-kumpannija ta' I.S., li tneħħa immedjatament wara r-rimbors.

17. Skont id-dikjarazzjonijiet ta' I.S. waqt is-seduta tal-11 ta' Jannar 2021, l-għoti sħiħ tal-imsemmija somma kien ġie suġġett mill-konvenuta fil-kawża prinċipali għall-allokazzjoni ta' parti mis-somma mislufa għall-estinzjoni ta' obbligu ieħor marbut mal-attività professjonali ma' istituzzjoni ta' kreditu ieħor.

18. Parti mill-ewwel kwantità kienet sussegwentement ġiet allokata għall-ħlas ta' ċerti primjums ta' assigurazzjoni.

19. Finalment, it-tieni kwantità kienet tkopri l-ammont ta': PLN 9 720.00, intiż għar-rimbors ta' kreditu kkuntrattat mill-kumpannija fit-18 ta' April 2005; l-ammont ta' PLN 7 400.00 bħala rimbors tas-self rotattiv tal-kumpannija favur il-kreditur ta' persuna li tissellef; l-ammont ta' PLN 9,000.00 bħala rimbors ta' djun finanzjarji oħra tal-kont ta' persuna li tissellef; finalment, l-ammont ta' PLN 93 880.00 bħala spejjeż tal-konsum.

20. Sussegwentement, il-persuni li ssellfu ressqu quddiem il-qorti nazzjonali l-konvenuta fil-kawża prinċipali sabiex tiġi kkonstatata n-natura abbużiva ta' ċerti klawżoli tal-kuntratt u sabiex jiksbu l-ħlas tas-somom imħallsa indebitament.

21. Fil-kuntest tal-kawża prinċipali, l-istituzzjoni ta' kreditu rrifjutat li r-rikorrenti jkunu jistgħu jiġu kklassifikati bħala "konsumaturi" fis-sens tal-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 93/13 minħabba d-destinazzjoni ta' parti mis-somom għas-sodisfazzjon ta' ħtiġijiet marbuta mal-attività kummerċjali ta' wieħed miż-żewġ rikorrenti fil-kawża prinċipali.

22. F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-Sąd Rejonowy dla Warszawy-Woli w Warszawie (il-Qorti Distrettwali ta' Varsavja - Wola, li għandha s-sede tagħha f'Varsavja, il-Polonja) issospendiet il-proċeduri quddiemha u għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1. L-Artikolu 2(b) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur u l-premessi tagħha għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux li fid-definizzjoni ta' "konsumatur" tkun inkluża persuna li teżerċita attività ekonomika li, flimkien ma' persuna oħra li tissellef li ma teżerċitax tali attività, tikkonkludi kuntratt ta' kreditu indiċjat f'munita barranija intiż, parzjalment, għal użu għan-negozju ta' wieħed mill-persuni li jissellfu, u parzjalment għal użu mhux relatat mal-attività ekonomika tiegħu, u dan mhux biss f'sitwazzjoni fejn l-użu għan-negozju huwa tant marġinali li għandu biss rwol minuri fil-kuntest ġenerali ta' tali kuntratt, filwaqt li l-aspett mhux ekonomiku predominanti jkun mingħajr effet f'dan ir-rigward? Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda:

2. L-Artikolu 2(b) tad-[Direttiva 93/13] u l-premessi tagħha għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-kunċett ta' "konsumatur" inkluż f'din id-dispożizzjoni jinkludi wkoll persuna li fil-mument tal-iffirmar ta' kuntratt kienet teżerċita attività ekonomika filwaqt li l-persuna l-oħra li tissellef b'ebda mod ma kienet teżerċita tali attività, u sussegwentement iż-żewġ persuni kkonkludew ma' bank kuntratt ta' kreditu indiċjat f'munita barranija, li l-kapital tiegħu kien parzjalment intiż għan-negozju ta' wieħed mill-persuni li ssellfu u parzjalment intiż għal użu mhux relatat mal-attività ekonomika eżerċitata, f'sitwazzjoni fejn l-użu għan-negozju ma għandux natura marġinali u ma għandux sempliċement rwol minuri fil-kuntest ġenerali tal-kuntratt ta' kreditu, fejn l-aspett mhux ekonomiku għandu natura predominanti u, mingħajr użu tal-kapital tal-kreditu għal għan ekonomiku, ma kienx ikun possibbli li l-kreditu jingħata għal għan li ma huwiex ekonomiku?"

## III. L-analiżi legali

### *A. L-osservazzjonijiet preliminari*

23. Iż-żewġ domandi preliminari huma marbuta mill-qrib bejniethom u jikkonċernaw, essenzjalment: l-ewwel waħda, l-applikabbiltà jew le tal-kriterju stabbilit fis-sentenza Gruber[6] għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 93/13; u t-tieni waħda, il-modalitajiet u l-kundizzjonijiet li fihom tista' titqies bħala konsumatur fis-sens tad-Direttiva 93/13 persuna li tiffirma kuntratt b'għan doppju, parzjalment professjonali u parzjalment personali.

24. Jiena u nwettaq l-analiżi legali, huwa utli, fil-fehma tiegħi, li jinġabru fil-qosor ċerti fatti essenzjali tal-kwistjoni li jgħinu sabiex tiġi identifikata aħjar is-sitwazzjoni li hija s-suġġett tal-analiżi.

25. Żewġ konjuġi jikkonkludu kuntratt ta' self għax-xiri ta' dar. Wieħed minnhom jeżerċita attività kummerċjali li għaliha kkuntratta dejn ma' istituzzjoni ta' kreditu. Fil-mument tat-talba għal self għax-xiri tal-proprjetà immobbli, l-istituzzjoni ta' kreditu timponi bħala kundizzjoni għall-ħlas tas-self innifsu li dak fost il-persuni li ssellfu, li kkuntratta d-dejn għal raġunijiet professjonali, iħallsu. L-ammont tas-somma mħallsa jkopri madwar terz tad-dejn preċedenti tal-persuna li ssellfet li tkun diġà debitriċi għal raġunijiet professjonali u żewġ terzi tal-ispejjeż marbuta mal-akkwist tad-dar u ma' bżonnijiet personali oħra taż-żewġ persuni li ssellfu. Il-konjuġi tal-persuna li ssellfet li fil-passat kien assuma d-dejn għal raġunijiet professjonali ma huwiex parti mill-attività professjonali tal-konjuġi tiegħu.

26. Sabiex tingħata risposta għad-domandi preliminari magħmula mill-qorti tar-rinviju, għandha tiġi kklassifikata, fis-sens tad-Direttiva 93/13, is-sitwazzjoni ta' żewġ persuni fiżiċi li kkonkludew kuntratt parzjalment għal għanijiet ta' konsum privat u parzjalment għal għanijiet li jaqgħu fil-kuntest tal-attività kummerċjali jew professjonali ta' waħda mit-tnejn, peress li l-għan kummerċjali jew professjonali tal-kreditu kkunsmat huwa rilevanti fl-istruttura ġenerali tal-kuntratt, għalkemm mhux predominanti. Għandu jiġi mistoqsi jekk dawn jistgħux jitqiesu jew le bħala "konsumaturi" għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-protezzjoni kontra l-klawżoli inġusti.

27. Għal dan l-għan, huma possibbli żewġ interpretazzjonijiet fid-dawl tal-qafas normattiv u tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

28. Minn naħa, dik sostnuta mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, kif ukoll mill-Gvern Pollakk u mill-Kummissjoni, li skontha l-pożizzjoni tar-rikorrenti għandha titqiegħed fil-perimetru tal-kunċett ta' konsumaturi, fid-dawl tal-importanza limitata u mhux predominanti tal-għanijiet professjonali fil-kuntest ġenerali tal-kuntratt ta' self, bl-applikazzjoni ta' orjentazzjoni li taqa' taħt il-kunċett ta' konsumatur li jinsab fid-Direttiva 2011/83 u f'atti sussegwenti oħra[7] fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumatur.

29. Kuntrarjament għaliha hemm dik, sostnuta biss mill-konvenuta fil-kawża prinċipali, li skontha fil-kawża prinċipali ma jirriżultawx il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-protezzjoni invokata mir-rikorrenti, peress li l-għanijiet kummerċjali jew professjonali ma humiex marġinali sal-punt li għandhom rwol negliġibbli fil-kuntest ġenerali tal-kuntratt ta' self, bl-applikazzjoni ta'

6 Ara s-sentenza tal-20 ta' Jannar 2005, Gruber (C-464/01, EU:C:2005:32).

7 B'mod partikolari, id-Direttiva 2013/11/UE, kif ukoll ir-Regolament Nru 524/2013.

analoġija għall-approċċ adottat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Gruber [8], fejn id-dispożizzjoni li kienet is-suġġett tal-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja kienet il-Konvenzjoni ta' Brussell tal-1968 dwar il-ġurisdizzjoni u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali [9].

30. Għal din ir-raġuni, inqis utli analiżi qasira tal-kunċett ta' konsumatur fid-dritt tal-Unjoni qabel ma nagħmel il-proposti ta' risposta għad-domandi.

*1. Il-kunċett ta' konsumatur fid-dritt tal-Unjoni.*

31. Bil-preżunzjoni li d-differenzi normattivi fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni ta' kull Stat Membru jostakolaw l-integrazzjoni ekonomika, l-istituzzjonijiet Ewropej approvaw, fis-snin 90, ċerti direttivi intiżi għall-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet, u b'hekk jagħtu protezzjoni ikbar lill-konsumatur waqt ix-xiri ta' prodotti u ta' servizzi [10].

32. Fid-dritt tal-Unjoni, sal-lum, ma teżistix definizzjoni unika ta' konsumatur. Fl-assenza ta' definizzjoni speċifika fid-dritt tal-Unjoni ta' livell primarju, fis-sorsi ta' livell sekondarju, skont l-għan tal-miżura inkwistjoni, il-kunċett ta' konsumatur ivarja b'mod ftit jew wisq sinjifikattiv.

33. Fid-dritt tal-kuntratti tal-Unjoni l-kunċett ta' konsumatur normalment jingħata natura unitarja, iċċentrata fuq il-kunsiderazzjoni tad-"dgħufija" tal-konsumatur meta mqabbla mal-kontroparti, il-bejjiegħ jew fornitur jew l-impriża: dan minħabba l-asimmetriji ta' informazzjoni kif ukoll minħabba s-setgħa kuntrattwali, fatti li jimponu protezzjoni ġuridika differenti meta mqabbla ma' dik żgurata għas-soċji l-oħra.

34. L-ewwel interventi fuq ir-relazzjoni bejn bejjiegħ jew fornitur u l-konsumaturi kienu ta' natura settorjali. Id-Direttiva 93/13 hija minflok leġiżlazzjoni ġenerali intiża għall-kuntratti kollha bejn il-konsumatur u l-bejjiegħ jew fornitur, li għall-ewwel darba timplimenta protezzjoni sostantiva fir-rapport kuntrattwali bejn il-konsumatur u l-bejjiegħ jew fornitur [11]. B'mod partikolari, mill-qari tal-premessi 2, 5 u 6, tirriżulta bħala evidenti l-istrumentalità tal-intervent normattiv għat-twettiq ta' suq intern: id-differenzi normattivi bejn l-Istati Membri fil-kwistjoni tal-klawżoli abbużivi jirrappreżentaw, fil-fatt, ostakolu għaċ-ċirkulazzjoni libera tal-merkanziji fl-Istati Membri differenti u għalhekk għall-integrazzjoni ekonomika.

35. Fir-rigward tal-kunċett ta' konsumatur, l-Artikolu 2(b) tal-istess direttiva jidentifika lill-konsumatur bħala "kull persuna naturali li, f'kuntratti koperti minn din id-Direttiva, tkun qiegħda taġixxi għal skopjiet li jkunu barra s-sengħa, in-negozju jew il-professjoni tagħha".

36. Dan il-kunċett għandu jinqara b'kuntrast ma' dak ta' bejjiegħ jew fornitur - imsemmi fl-Artikolu 2(c) tal-istess direttiva - li huwa identifikat bħala "kull persuna naturali jew legali li, f'kuntratti koperti minn din id-Direttiva, tkun qiegħda taġixxi għal skopijiet relatati mas-sengħa, in-negozju jew il-professjoni tagħha, sew jekk proprjetà pubblika u sew jekk propjetà privata".

8 Ara s-sentenza tal-20 ta' Jannar 2005, Gruber (C-464/01, EU:C:2005:32).

9 Konvenzjoni ta' Brussell tal-1968 dwar il-ġurisdizzjoni u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali [traduzzjoni mhux uffiċjali] (ĠU 1998, C 27, p. 1 sa 33), iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Brussell".

10 G. Cassano, M. Dona, R. Torino, *Il diritto dei consumatori*, Giuffré (editur), Milano, 2021, p. 14.

11 Caringella, F., "Il lungo viaggio verso la tutela del consumatore quale contraente per definizione debole", f'Caringella F., De Marzo G., *I contratti dei consumatori*, Torino, 2007, p. 1-51.

37. Il-kunċetti ta' konsumaturi u ta' bejjiegħ jew fornitur imsemmija fid-Direttivi 2011/83, 2013/11 [12] kif ukoll fir-Regolament Nru 524/2013 jippreżentaw kontenut simili.

38. Għaldaqstant, jidher li d-*discrimen* bejn konsumatur u bejjiegħ jew fornitur jinsab fl-estranjetà tal-għan tal-kuntratt tal-attività professjonali tal-kontraent, pjuttost milli fil-"kwalità tal-partijiet kontraenti" [13].

39. Peress li l-kunċett ta' konsumatur jiddependi minn kemm l-għan kummerċjali huwa relatat jew le mal-ambitu professjonali [14], jiġi osservat kif il-kriterju huwa *relattiv* għall-kuntratt speċifiku.

40. Il-parametru adottat mill-Qorti tal-Ġustizzja huwa oġġettiv. Kif irrileva l-Avukat Ġenerali Mischo fil-kawża Di Pinto, il-persuni fiżiċi li jaqgħu taħt il-kunċett ta' konsumatur jiġu ddefiniti mhux "fl-astratt, iżda skont dak li jagħmlu b'mod konkret" [traduzzjoni mhux uffiċjali] [15].

41. Eskluża, għalhekk, perspettiva suġġettiva relatata mal-intenzjonijiet tal-kontraenti, jingħad li hemm possibbiltà oġġettiva iżda fil-qafas tal-effett utli tad-direttivi u tal-istanzi ta' protezzjoni neċessarji anki għat-tisħiħ tal-fiduċja tal-konsumaturi fis-suq [16], indispensabbli għall-funzjonament effiċjenti tiegħu.

42. Konsegwentement, anki l-bejjiegħ jew fornitur, inkluż l-avukat speċjalizzat fil-qasam tal-kuntratti ta' għajnuna legali [17], jew persuna li twettaq il-funzjoni ta' kummerċjant jistgħu jibbenefikaw mill-protezzjoni favur il-konsumatur.

43. Għalhekk, jista' jiġi konkluż dwar dan il-punt li l-evoluzzjoni tas-sorsi tad-dritt tal-Unjoni u tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja hija fis-sens ta' protezzjoni ikbar tal-konsumatur iżda dejjem f'bilanċ anki ma' liberatjiet oħra u finalment mal-funzjonament effiċjenti tas-suq uniku, madankollu billi jitħallew biżżejjed marġni ta' flessibbiltà fil-kunċett sabiex ikun jista' jinkludi s-sitwazzjonijiet kollha li fihom oġġettivament jiġu realizzati istanzi ta' protezzjoni.

44. Is-sistema kollha hija fil-fatt ibbażata fuq il-preżunzjoni li skontha l-mudelli ġodda tas-suq iqiegħdu lill-konsumatur f'sitwazzjoni ta' inferjorità minħabba l-assenza ta' setgħa reali ta' negozjar fit-trattattivi u minħabba l-livell modest ta' informazzjoni disponibbli, b'tali mod li jiġi konkretement kostrett jaderixxi għall-kundizzjonijiet magħmula mill-bejjiegħ jew fornitur b'mod akritiku u pjuttost mingħajr ma jkun jista' jkollu effett fuqhom.

12 Direttiva 2013/11/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi u li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE (id-Direttiva dwar l-ADR tal-konsumaturi), (ĠU 2013, L 165, p. 63-79), iktar 'il quddiem: id-"Direttiva 2013/11".

13 Ara s-sentenza tat-30 ta' Mejju 2013, Asbeek Brusse u de Man Garabito (C-488/11, EU:C:2013:341, punt 30), tal-15 ta' Jannar 2015, Šiba (C-537/13, EU:C:2015:14, punt 21, tat-3 ta' Settembru 2015, Costea (C-110/14, EU:C:2015:538, punt 17).

14 Ara s-sentenza tat-30 ta' Mejju 2013, Asbeek Brusse u de Man Garabito (C-488/11, EU:C:2013:341, punt 30).

15 Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mischo fil-kawża Di Pinto (C-361/89, mhux ippubblikati, EU:C:1990:462, punt 19).

16 Id-dritt kuntrattwali tal-Unjoni huwa ffukat ukoll fuq l-għan tat-tisħiħ tal-fiduċja tal-konsumaturi fis-suq uniku, ikkonfermat mill-fatt li l-leġiżlazzjonijiet settorjali fuq is-suġġett ġew adottati fil-parti l-kbira fuq il-bażi ġuridika relattiva għall-implimentazzjoni tas-suq intern (illum, l-Artikolu 114 TFUE). F'dan il-kuntest, il-konsumatur huwa kkunsidrat aġent ekonomiku b'razzjonalità medja, li l-interessi tiegħu jiġu protetti mhux biss bl-għan iżda anki permezz tal-funzjonament korrett tas-suq, ir-*ratio* tal-protezzjoni tal-konsumatur fid-dritt tal-UE, ara P. Mengozzi, *Il principio personalista nel diritto dell'Unione europea*, Padova, 2010, b'mod partikolari p. 60 sa 98.

17 Ara s-sentenzi tal-15 ta' Jannar 2015, Šiba (C-537/13, EU:C:2015:14, punti 23 u 24) u tat-3 ta' Settembru 2015, Costea (C-110/14, EU:C:2015:538, punt 24).

*2. Il-kunċett ta' konsumatur fil-kuntratti mħallta jew b'għan doppju*

45. Il-kuntratti mħallta jew b'għan doppju huma dawk il-kuntratti konklużi għal finijiet li jaqgħu parzjalment fil-kuntest ta' attivitajiet kummerċjali tal-persuna u parzjalment għal għanijiet ta' natura personali.

46. Il-klassifikazzjoni tal-pożizzjoni tal-kontraent fil-kuntratti b'għan doppju ġiet indirizzata għall-ewwel darba mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Gruber [18].

47. F'din il-kawża, ir-rikorrent invoka l-protezzjoni li l-Konvenzjoni ta' Brussell kienet tirriżerva għall-konsumaturi, skont l-Artikoli 13, 14 u 15, jew il-fakultà li jressqu kawża quddiem il-qorti tal-Istat Membru fejn l-obbligu ġie eżegwit minflok fil-qorti tal-Istat Membru li fih il-konvenut huwa ddomiċiljat.

48. Fir-rigward ta' kuntratt b'għanijiet imħallta, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet mitluba tispeċifika jekk il-kriterju determinanti kienx il-kriterju tal-għan privat jew professjonali tal-kuntratt inkwistjoni.

49. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-persuna fiżika setgħet tiġi kklassifikata bħala konsumatur biss sa fejn "l-użu professjonali [kien] marġinali sal-punt li jkollu rwol negliġibbli fil-kuntest globali tat-tranżazzjoni in kwistjoni, filwaqt li l-aspett extraprofessjonali predominanti jkun mingħajr effet f'dan ir-rigward" [19].

50. Is-sentenza Gruber, għalhekk, fil-kuntest speċifiku tal-kwistjoni ta' natura proċedurali magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex tikkunsidra bħala konsumatur għall-għanijiet previsti mir-regolament lil persuna li tiffirma kuntratt b'għan doppju ma' bejjiegħ jew fornitur, tuża kriterju li jista' jissejjaħ "tal-marġinalità".

51. Id-Direttiva 93/13 ma tirregolax espressament il-kunċett ta' konsumatur fil-każ ta' kuntratti b'għan doppju.

52. Il-premessa 17 tad-Direttiva 2011/83 tistabbilixxi, min-naħa l-oħra, li "(...) fil-każ ta' kuntratti għal żewġ għanijiet, fejn il-kuntratt huwa konkluż għal skopijiet parzjalment fl-ambitu jew parzjalment barra mill-ambitu tal-kummerċ ta' persuna u l-iskop ta' kummerċ tant huwa limitat li mhuwiex predominanti fil-kuntest kumplessiv tal-kuntratt, dik il-persuna wkoll għandha titqies bħala konsumatur".

53. Espressjonijiet simili huma użati fil-premessa 18 tad-Direttiva 2013/11 kif ukoll fil-premessa 13 tar-Regolament Nru 524/2013.

54. Id-dispożizzjoni inkwistjoni tistabbilixxi għalhekk dak li nistgħu nsejħulu l-kriterju tal-"assenza ta' predominanza". Konsegwentement, anki min jaġixxi parzjalment fil-kuntest tal-attività professjonali tiegħu jista' jiġi kklassifikat bħala konsumatur sa fejn, minkejja li ma huwiex negliġibbli, l-għan kummerċjali jew professjonali jista' jitqies li ma huwiex predominanti fil-kuntest ġenerali tal-kuntratt.

18 Ara s-sentenza tal-20 ta' Jannar 2005, Gruber (C-464/01, EU:C:2005:32).

19 Ara s-sentenza tal-20 ta' Jannar 2005, Gruber (C-464/01, EU:C:2005:32, punt 54). L-istess pożizzjoni ġiet adottata iktar reċentement mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi tal-25 ta' Jannar 2018, Schrems (C-498/16, EU:C:2018:37, punt 32u tal-14 ta' Frar 2019, Milivojević (C-630/17, EU:C:2019:123, punt 91).

## *B. Fuq id-domandi preliminari*

### *1. L-ewwel domanda*

55. Permezz tal-ewwel domanda preliminari, il-qorti tar-rinviju tistaqsi f'liema kundizzjonijiet tista' persuna li tissellef li tkun ikkonkludiet kuntratt ta' self parzjalment b'għanijiet kummerċjali jew professjonali u parzjalment għal skopijiet privati ta' konsum, flimkien ma' persuna oħra li tissellef li taġixxi esklużivament għal għanijiet privati ta' konsum, taqa' taħt il-kunċett ta' konsumatur skont l-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 93/13 u, essenzjalment, jekk ikunx preferibbli, f'każ ta' kuntratti b'għan doppju, l-approċċ adottat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Gruber jew dak li jirriżulta mid-Direttiva 2011/83 u d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi sussegwenti [20].

56. Kif imfakkar iktar 'il fuq, mill-analiżi tas-sorsi u tal-ġurisprudenza jirriżultaw żewġ interpretazzjonijiet differenti possibbli li jistgħu jinġabru fil-kriterju tal-"marġinalità" u l-kriterju tal-"assenza ta' predominanza" tal-għan kummerċjali jew professjonali meta mqabbel ma' dak ta' konsum privat.

57. Il-perspettivi li għandhom jiġu eżaminati sabiex l-għażla tiġi ddirezzjonata skont interpretazzjoni waħda jew l-oħra jikkonċernaw: fir-rigward tal-ewwel kwistjoni preliminari, ir-***ratio* differenti tas-sorsi** (proċedurali) li għalihom tirreferi s-sentenza Gruber u d-Direttiva 93/13, kif ukoll id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi sussegwenti [21] fil-kwistjoni ta' protezzjoni (sostanzjali) tal-konsumatur u l-kamp ta' applikazzjoni tal-interpretazzjoni relattiva; il-**pożizzjoni sostanzjali tal-persuni** firmatarji tal-kuntratt ta' konsum u l-**għanijiet effettivi** tal-iffirmar sabiex jiġi żgurat l-effett utli tad-direttiva li, b'mod partikolari fir-rigward ta' klawżoli abbużivi, tidher li hija kompromessa b'mod gravi minn interpretazzjoni eċċessivament restrittiva; ir-**rabta stretta tal-għanijiet tad-Direttiva 93/13 ma' dawk sussegwenti**.

58. Fir-rigward tar-***ratio* differenti** tas-sorsi interpretati fis-sentenza Gruber u tad-Direttiva 93/13, dan l-għan essenzjalment jimmira li jistabbilixxi mill-ġdid il-bilanċi fl-intern tar-rapport kuntrattwali bejn il-konsumatur u l-bejjiegħ jew fornitur, billi jfassal ir-relazzjonijiet mill-ġdid b'mod simettriku [22].

59. L-idea li fuqha hija bbażata s-sistema ta' protezzjoni implimentata mid-direttiva hija, fil-fatt, kif intqal, li l-konsumatur jinsab f'sitwazzjoni inferjuri fil-konfront tal-bejjiegħ jew tal-fornitur fir-rigward kemm tas-setgħa ta' negozjar kif ukoll tal-livell ta' informazzjoni, sitwazzjoni li twassal lill-konsumatur sabiex jaqbel mal-kundizzjonijiet imħejjija minn qabel minn bejjiegħ jew fornitur mingħajr ma jkun jista' jeżerċita influwenza fuq il-kontenut tagħhom [23].

[20] B'mod partikolari, id-Direttiva 2013/11/UE, kif ukoll ir-Regolament Nru 524/2013.

[21] B'mod partikolari, id-Direttiva 2013/11/UE, kif ukoll ir-Regolament Nru 524/2013.

[22] Ara s-sentenzi tat-30 ta' Mejju 2013, Asbeek Brusse u de Man Garabito (C-488/11, EU:C:2013:341, punt 31), tal-15 ta' Jannar 2015, Šiba (C-537/13, EU:C:2015:14, punt 22), tat-3 ta' Settembru 2015, Costea (C-110/14, EU:C:2015:538, punt 19).

[23] Ara s-sentenzi tat-30 ta' Mejju 2013, Asbeek Brusse u de Man Garabito (C-488/11, EU:C:2013:341, punt 31), tal-15 ta' Jannar 2015, Šiba (C-537/13, EU:C:2015:14, punt 22), tat-3 ta' Settembru 2015, Costea (C-110/14, EU:C:2015:538, punt 19).

60. Fid-dawl ta' tali sitwazzjoni ta' inferjorità, l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 jipprevedi li l-klawżoli inġusti ma jorbtux lill-konsumaturi. Din hija dispożizzjoni imperattiva[24] li timmira li tissostitwixxi l-bilanċ formali li l-kuntratt jistabbilixxi bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet kontraenti b'bilanċ reali li jistabbilixxi mill-ġdid l-ugwaljanza bejniethom[25]. Il-Qorti tal-Ġustizzja repetutament sostniet li l-Artikolu 6(1) tad-direttiva għandu jiġi kkunsidrat bħala ekwivalenti għar-regoli nazzjonali li għandhom in-natura ta' regoli ta' ordni pubbliku fi ħdan l-ordinament ġuridiku nazzjonali[26]. Barra minn hekk, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni li din il-kwalifikazzjoni, kif imfakkar mill-Kummissjoni Ewropea fl-osservazzjonijiet tagħha[27] testendi għad-dispożizzjonijiet tad-direttiva kollha li huma indispensabbli sabiex jintlaħaq l-għan imfittex mill-Artikolu 6[28].

61. In-natura imperattiva tad-dispożizzjonijiet li jinsabu fid-Direttiva 93/13 u r-rekwiżiti partikolari ta' protezzjoni tal-konsumatur marbuta magħhom iwasslu, għalhekk, sabiex jiffavorixxu interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' konsumatur sabiex jiġi żgurat l-effett utli tad-direttiva.

62. Min-naħa l-oħra, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni ta' Brussell u attwalment dawk tar-Regolament Nru 44/2001[29], kif ukoll tar-Regolament Nru 1215/12[30], huma intiżi li jipproteġu lill-konsumatur fuq livell proċedurali, billi jidderogaw mir-regola ġenerali tal-forum tal-konvenut, li skontha l-persuni ddomiċiljati fi Stat Membru għandhom jitressqu quddiem il-qorti tal-forum ta' dan l-Istat Membru. Huma ma introduċewx protezzjoni ġenerali tal-konsumaturi iżda ddefinixxew biss il-każijiet ta' kuntratti tal-konsumatur li huma suġġetti għal protezzjoni speċjali skont ir-regoli ta' ġurisdizzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja fil-fatt enfasizzat fis-sentenza Gruber li "n-nuqqas ta' moltiplikazzjon tal-kriterji tal-ġurisdizzjoni fir-rigward ta' rapport ġuridiku jammonta għal wieħed mill-għanijiet essenzjali tal-Konvenzjoni ta' Brussell"[31].

63. Is-sentenza Gruber kienet tikkonċerna, għalhekk, l-interpretazzjoni tar-regoli ta' ġurisdizzjoni fil-qasam tal-kuntratti mal-konsumaturi, li jintroduċu eċċezzjoni għar-regola ġenerali li skontha l-ġurisdizzjoni tappartjeni lill-qrati tal-Istat tad-domiċilju tal-konvenut. Għalhekk, aħna ninsabu fuq terren differenti mill-protezzjoni sostantiva tal-konsumatur; il-qasam li għalih tapplika s-sentenza Gruber huwa dak tad-dritt proċedurali. U, kif tosserva ġustament il-Kummissjoni[32],

[24] Ara s-sentenzi tas-26 ta' Ottubru 2006, Mostaza Claro (C-168/05, EU:C:2006:675, punt 36), tas-6 ta' Ottubru 2009, Asturcom Telecomunicaciones (C-40/08, EU:C:2009:615, punt 30), tad-9 ta' Novembru 2010, VB Pénzügyi Lízing (C-137/08, EU:C:2010:659, punt 47), tal-15 ta' Marzu 2012, Pereničová u Perenič (C-453/10, EU:C:2012:144, punt 28), tal-14 ta' Ġunju 2012, Banco Español de Crédito (C-618/10, EU:C:2012:349, punt 40), tas-17 ta' Lulju 2014, Sánchez Morcillo u Abril García (C-169/14, EU:C:2014:2099, punt 23), tat-3 ta' Settembru 2015, Costea (C-110/14, EU:C:2015:538, punt 19).

[25] Sentenza tat-3 ta' Settembru 2015, Costea (C-110/14, EU:C:2015:538, punt 19).

[26] Ara s-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2009, Asturcom Telecomunicaciones (C-40/08, EU:C:2009:615, punt 52), digriet tas-16 ta' Novembru 2010, Pohotovosť (C-76/10, EU:C:2010:685, punt 50), sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Gutiérrez Naranjo *et* (C-154/15, C-307/15 u C-308/15, EU:C:2016:980 punt 54).

[27] Osservazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea, punt 29.

[28] Sentenza tat-30 ta' Mejju 2013, Asbeek Brusse u de Man Garabito (C-488/11, EU:C:2013:341, punt 44).

[29] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42), iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru. 44/2001".

[30] Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU 2012, L 351, p. 1), iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru. 1215/12".

[31] Sentenza tal-20 ta' Jannar 2005, Gruber (C-464/01, EU:C:2005:32, punti 43 u 44).

[32] Osservazzjonijiet tal-Kummissjoni, punt 23.

l-interpretazzjoni restrittiva li hija tagħti lill-kunċett ta' konsumatur kienet iddettata mill-fatt li din id-dispożizzjoni tidderoga bħala prinċipju mir-regola tal-kompetenza[33]. Peress li din hija deroga, din tista' biss tiġi interpretata b'mod restrittiv[34].

64. Fir-*ratio* li tinsab fil-bażi tar-regolamenti inkwistjoni huma inklużi, fil-fatt, kunsiderazzjonijiet ulterjuri meta mqabbla ma' dawk tal-protezzjoni tal-parti dgħajfa sabiex il-protezzjoni tal-konsumatur tiġi kkonformata ma' ħtiġijiet oħra li bl-istess mod jistħoqqilhom il-protezzjoni: il-prevedibbiltà tal-eżiti u ċ-ċertezza ġuridika[35], sabiex tiġi evitata d-diskrezzjonalità tal-partijiet fl-għażla tal-forum li tkun kuntrarja għaċ-ċertezza fl-iskambji kummerċjali internazzjonali[36]. U, fil-fatt, fis-sistema tar-Regolament Nru. 1215/12, l-iżbilanċ fis-saħħa kuntrattwali fir-relazzjoni bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur ma huwiex biżżejjed sabiex jiġġustifika d-deroga mir-regoli ġenerali tal-kompetenza; huwa neċessarju wkoll li l-konsumatur ikun ikkonkluda tipi partikolari ta' kuntratt.

65. Min-natura imperattiva tad-dispożizzjonijiet inklużi fid-Direttiva 93/13 u mill-ħtieġa konsegwenti ta' protezzjoni partikolari tal-konsumatur fil-każ ta' klawżoli inġusti tirriżulta l-ħtieġa li tiġi eżaminata bir-reqqa l-**pożizzjoni sostantiva tal-partijiet** li jikkonkludu l-kuntratt ta' konsum u l-għanijiet effettivi tal-ftehim.

66. Fil-fatt, sabiex ma jiġix imċaħħad l-effett utli tad-direttiva, huwa neċessarju li tiġi adottata interpretazzjoni tal-kunċett ta' konsumaturi fil-kuntratti b'għan doppju kemm jista' jkun wiesgħa sabiex jiġi evitat li l-bejjiegħ jew il-fornitur ikun jista' faċilment jevita l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet imperattivi fuq il-klawżoli inġusti, billi jimponihom, fuq il-bażi biss tal-eżistenza konkomitanti ta' għanijiet ġeneralment kummerċjali jew professjonali fit-talba għal finanzjament[37].

67. Il-kawża ineżami hija, fil-fatt, eżempju ta' riskju ta' dan it-tip: mill-proċess jirriżulta li l-applikanti għal finanzjament kellhom bħala għan ċertament prevalenti (jekk mhux esklużiv) l-akkwist ta' proprjetà immobbli tal-familja, wieħed biss miż-żewġ applikanti kien jeżerċita attività professjonali, l-istituzzjoni ta' kreditu kkundizzjonat il-ħlas tal-finanzjament għar-raġunijiet personali msemmija iktar 'il fuq għall-estinzjoni ta' dejn preċedenti, ta' natura professjonali, ta' wieħed mir-rikorrenti; l-ammont ta' estinzjoni tad-dejn professjonali kien madwar terz tal-ammont totali tal-finanzjament.

68. Kif ġustament argumenta l-Gvern Pollakk, "[i]d-Direttiva 93/13/KEE ġiet adottata proprju sabiex tipproteġi l-konsumaturi minn dan it-tip ta' aġir, jiġifieri l-impożizzjoni ta' kundizzjonijiet li ma għandhom l-ebda influwenza fuqhom u li minħabba f'hekk jippreġudikaw id-drittijiet u l-interessi tagħhom. Għaldaqstant, konsumatur ma jistax jiġi mċaħħad mill-protezzjoni

33 Sentenza tal-20 ta' Jannar 2005, Gruber (C-464/01, EU:C:2005:32, punt 43).

34 Ara s-sentenzi tal-21 ta' Ġunju 1978, Bertrand (150/77, EU:C:1978:137, punti 17 u 18), tad-19 ta' Jannar 1993, Shearson Lehman Hutton (C-89/91, EU:C:1993:15, punti 14 sa 16), tat-3 ta' Lulju 1997, Benincasa (C-269/95, EU:C:1997:337, punt 13), tad-19 ta' Frar 2002, Besix (C-256/00, EU:C:2002:99, punti 26 u 27 u l-ġurisprudenza hemm iċċitata), tal-20 ta' Jannar 2005, Gruber (C-464/01, EU:C:2005:32, punti 43 u 44), tal-25 ta' Jannar 2018, Schrems (C-498/16, EU:C:2018:37, punt 37), tas-sentenza tal-14 ta' Frar 2019, Milivojević (C-630/17, EU:C:2019:123, punt 21), tat-28 ta' Jannar 2015, Kolassa (C-375/13, EU:C:2015:37, punt 23).

35 "L-interpretazzjoni li tinnega l-kwalità tal-konsumatur, skond l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni ta' Brussell, meta l-użu ta' l-oġġett jew servizz għandu għan li jirrileva relazzjoni sinjifikattiva ma' l-attività professjonali tal-persuna kkonċernata hija wkoll l-aktar waħda konformi mal-ħtiġijiet taċ-ċertezza legali kif ukoll tal-previdibbiltà tal-qorti kompetenti għall-konvenut futur, li jikkostitwixxi l-bażi ta' dik il-konvenzjoni", ara s-sentenza tal-20 ta' Jannar 2005, Gruber, (C-464/01, EU:C:2005:32, punt 45).

36 Ara wkoll, f'dan is-sens, l-osservazzjonijiet tal-Gvern Pollakk, punt 27, p. 9.

37 F'dan is-sens, ara l-osservazzjonijiet tal-Gvern Pollakk, punt 30.

tad-Direttiva 93/13/KEE biss minħabba li bejjiegħ jew fornitur ikun impona fuqu, f'kuntratt konkluż għal għanijiet mhux kummerċjali, klawżola relatata mal-attività kummerċjali tiegħu [38]".

69. Finalment, fuq dan il-punt, kif irrilevaw ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali [39], l-adeżjoni għall-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża Gruber tidher li timplika li l-konsumatur allegat għandu l-oneru li jipprova quddiem il-qorti l-fatti li jikkostitwixxu l-pretensjoni tiegħu [40] skont is-sistema tad-Direttiva 93/13, li fiha l-konstatazzjoni tal-kwalità ta' konsumatur min-naħa tal-persuna li tinvoka l-protezzjoni kontra l-klawżoli abbużivi ssir *ex officio* mill-qorti nazzjonali [41].

70. Fl-analiżi tal-**għanijiet tas-sistema li tinsab fid-Direttiva 93/13**, ma tistax tiġi rrilevata r-**rabta stretta tagħhom ma' dawk tad-direttivi sussegwenti** [42], li huwa argument favur interpretazzjoni uniformi u estensiva tal-kunċett ta' konsumatur.

71. Fil-fatt, id-Direttiva 2011/83, fil-qasam tal-protezzjoni fil-qasam tal-kuntratti konklużi mal-bejjiegħa jew fornituri, għandha l-istess għan bħad-Direttiva 93/13 [43] u l-kunċett ta' konsumatur skont l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2011/83 huwa kważi identiku fiż-żewġ sorsi. L-istess kunsiderazzjonijiet dwar il-kunċett ta' konsumatur japplikaw imbagħad fir-rigward tad-Direttiva 2013/11 u tar-Regolament Nru 524/2013.

72. Ir-rabta tal-imsemmija leġiżlazzjoni mad-Direttiva 93/13 hija iktar u iktar evidenti minħabba l-fatt li d-Direttiva 2011/83 emendat id-Direttiva 93/13 billi inkludiet fiha l-Artikolu 8a. Ma huwiex b'mod każwali li t-tnejn li huma normalment jistgħu jiġu applikati simultanjament għall-istess kuntratt [44]. Ir-rabta bejn iż-żewġ direttivi ġiet enfasizzata reċentement mil-leġiżlatur tal-Unjoni bl-approvazzjoni tad-Direttiva 2019/2161 [45], li temenda d-Direttiva 93/13, kif ukoll id-Direttiva 2011/83, fir-rigward ta' applikazzjoni aħjar u modernizzazzjoni tar-regoli protettivi tal-konsumaturi.

73. Għalhekk naqbel mal-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni li "interpretazzjoni sistematika tal-kunċett ta' 'konsumatur' timmilita favur interpretazzjoni orizzontali ta' dan il-kunċett fis-sens tad-Direttiva 93/13/KEE u ta' strumenti oħra tad-dritt tal-konsumatur tal-Unjoni, b'mod partikolari d-Direttiva 2011/83/UE, id-Direttiva LER u r-Regolament CLR. L-ispjegazzjonijiet li jinsabu fil-premessi ta' dawn l-istrumenti għandhom jiġu applikati fuq il-bażi tad-Direttiva 93/13/KEE, sa fejn dawn l-atti huma funzjonalment marbuta mad-direttiva u ġew adottati bl-għan li jipproteġu lill-konsumatur bħala l-parti dgħajfa fil-kuntratt mal-bejjiegħ [46]".

74. Dak li diġà ġie osservat sa issa fir-rigward tar-relazzjonijiet bejn id-Direttiva 93/13 u d-Direttiva 2011/83 (u l-atti sussegwenti) jippermetti, fil-fehma tiegħi, li jitwarrbu l-kunsiderazzjonijiet tal-konvenuta li jmorru kontra interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' konsumatur, li tikkoinċidi ma' dik li tinsab fil-premessi tad-Direttivi 2011/83 u sussegwenti. Huma

[38] Osservazzjonijiet tal-Gvern Pollakk, punt 30..

[39] Osservazzjonijiet tar-rikorrenti, p. 7.

[40] Ara s-sentenza tal-20 ta' Jannar 2005, Gruber (C-464/01, EU:C:2005:32, punt 46).

[41] Ara d-dispożittiv tas-sentenza tal-4 ta' Ġunju 2015, Faber (C-497/13, EU:C:2015:357).

[42] Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Cruz Villalón fil-kawża Costea (C-110/14, EU:C:2015:271, punt 44).

[43] Ara d-digriet tal-15 ta' April 2021, MiGame (C-594/20, EU:C:2021:309, punt 28).

[44] Bil-kundizzjoni li dan ikun kuntratt li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2011/83.

[45] Direttiva (UE) 2019/2161 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttivi 98/6/KE, 2005/29/KE u 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-infurzar aħjar u mmodernizzar tar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumatur (ĠU 2019, L 328, p. 7).

[46] Osservazzjonijiet tal-Kummissjoni, punt 22.

jirrigwardaw, b'mod partikolari, il-kamp ta' applikazzjoni differenti tad-Direttivi 93/13 u 2011/83 u l-fatt li, peress li d-Direttiva 2011/83 hija sussegwenti għall-fatti tal-kawża ineżami, il-kunċett ta' konsumatur f'każ ta' kuntratt b'għan doppju li hija tinkludi ma huwiex applikabbli fil-kawża ineżami.

75. Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni differenti tad-direttivi, nosserva biss, b'żieda mal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, li d-definizzjoni tal-kuntratti b'għan doppju ma hijiex fil-leġiżlazzjoni dettaljata iżda fil-"premessi", li kif huwa magħruf l-importanza tagħhom hija dik li jissuġġerixxu linji interpretattivi, mingħajr ma jkollhom effett vinkolanti.

76. Fir-rigward tal-kunsiderazzjonijiet dwar id-dritt applikabbli *ratione temporis*, ma huwiex il-każ li tiġi applikata s-sistema tad-direttivi li saru sussegwentement għal sitwazzjoni preeżistenti iżda sempliċement l-adozzjoni ta' interpretazzjoni orjentata teleoloġikament, diġà preferibbli fil-mument li fih kienet tapplika biss id-Direttiva 93/13, spjegata mil-leġiżlatur tal-Unjoni fid-dispożizzjonijiet sussegwenti.

77. F'dan ir-rigward nosserva, sabiex inkompli mal-kunsiderazzjonijiet magħmula mill-Avukat Ġenerali Villalón, li mix-xogħol preparatorju[47] tad-Direttiva 2011/83 jirriżulta li l-premessa 17 irrappreżentat kompromess fin-negozjati bejn l-istituzzjonijiet Ewropej dwar l-opportunità li jiġi interpretat il-kunċett ta' konsumatur fil-kuntratti b'għan doppju skont l-hekk imsejjaħ kriterju tal-għan predominanti[48]. Anki x-xogħol preparatorju tad-Direttiva 2011/83 jikkonferma li l-kamp ta' applikazzjoni tal-premessa 17 ma tistax tiġi kkunsidrata bħala speċifikament marbuta biss mad-Direttiva 2011/83.

78. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jiena tal-parir li jeħtieġ li tiġi adottata interpretazzjoni li tieħu inkunsiderazzjoni l-effett utli tad-direttiva, tas-sistema li fl-intern tagħha jinsab l-att normattiv, tal-funzjoni li jwettaq u konsegwentement li ssir għażla favur l-interpretazzjoni iktar estensiva tal-kunċett ta' konsumatur għall-kwalifikazzjoni ta' persuna li tiffirma kuntratt b'għan doppju, bħal dik inkluża fil-premessi msemmija qabel tad-Direttiva 2011/83, tad-Direttiva 2013/11 u tar-Regolament Nru 524/2013.

### *2. It-tieni domanda preliminari*

79. Permezz tat-tieni domanda preliminari l-qorti tar-rinviju[49], jekk fhimt sew peress li għandha formulazzjoni mhux ċarissima, qiegħda tistaqsi essenzjalment lill-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża l-kriterji li jippermettu li jiġi stabbilit li l-għan professjonali li għalih waħda mill-persuni li jisselfu kkonkludiet kuntratt ta' kreditu ma kienx predominanti u kellu biss natura limitata. Jeżisti ċertu marġni ta' sovrappożizzjoni bejn iż-żewġ kwistjonijiet peress li ċerti elementi li jwasslu sabiex tiġi ffavorita l-interpretazzjoni proposta iktar 'il fuq għall-kunċett ta' konsumatur fil-kuntratti b'għan doppju fl-istess ħin iservu bħala kriterji sabiex tiġi stabbilita l-prevalenza jew le tal-għan personali fuq dak professjonali fit-talba għal finanzjament.

[47] Dokument tal-Kunsill Nru 10481/11, tal-20 ta' Mejju 2011, p. 3 u dokument tal-Kunsill Nru 11218/11, tat-8 ta' Ġunju 2011, p. 5.

[48] Il-Parlament Ewropew issuġġerixxa emenda li kienet espliċitament tipproponi l-emenda tad-definizzjoni ta' konsumatur fis-sens li tiġi estiża għal "kull persuna fiżika li [...] taġixxi għal skopijiet li jkunu *prinċipalment* barra s-sengħa, in-negozju jew il-professjoni tagħha". Matul in-negozjati sussegwenti, il-Parlament qabel li jżomm id-definizzjoni tal-konsumatur, billi jelimina l-avverbju "prinċipalment", bil-kundizzjoni li fil-premessa maħsuba biex tiċċara d-definizzjoni ta' konsumatur, ibbażata oriġinalment fuq is-sentenza Gruber, il-kelma "marġinali" kellha tiġi ssostitwita bil-kelma "predominanti"; ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Cruz Villalón fil-Kawża Costea (C-110/14, EU:C:2015:271), punt 42.

[49] Fl-istess sens, ara l-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni, punt 32.

80. Fi kwalunkwe każ, hija l-qorti nazzjonali li għandha tikkonstata jekk il-każ konkret jaqax fil-kunċett ta' konsumatur kif mifhum iktar 'il fuq u għandha "tivverifika, billi tieħu inkunsiderazzjoni l-provi kollha u b'mod partikolari t-termini ta' dak il-kuntratt, jekk l-akkwirent jistax jiġi kklassifikat bħala "konsumatur" fis-sens tal-imsemmija direttiva"[50].

81. F'dan is-sens, il-qorti nazzjonali għandha twettaq analiżi kwalitattiva u kwantitattiva tal-elementi kollha utli għas-soluzzjoni tal-każ konkret u għandha twettaq evalwazzjoni globali tal-fatti kollha tal-kawża konkreta, billi tagħti attenzjoni partikolari għan-natura tal-oġġett jew tas-servizz li jkun jikkostitwixxi l-għan tal-kuntratt ikkunsidrat, li jkunu jistgħu juru għal liema għan dan il-prodott jew servizz qiegħed jiġi akkwistat[51].

82. Dan premess, ċerti fatti partikolari li jistgħu jiġu osservati fil-kawża ineżami, kif tissuġġerixxi l-qorti tar-rinviju, jistgħu jkollhom rwol ta' kriterji ġenerali li permezz tagħhom jiġi stabbilit jekk il-kundizzjoni tal-"assenza ta' predominanza" tal-għan professjonali fuq dak personali hijiex integrata fil-każ ta' kuntratt b'għan doppju.

83. Il-fatt li, filwaqt li aġixxiet fil-kuntest ta' kuntratt imħallat, il-persuna li ssellfet ikkonkludiet il-kuntratt ta' self ma' kontraent ieħor li jkun aġixxa esklużivament għal raġunijiet ta' konsum privat huwa rilevanti u jista' wkoll jissodisfa l-funzjoni ta' kriterju sabiex jiġi ddeterminat, fil-kuntest ġenerali tal-kuntratt, il-"predominanza" jew le tal-għan professjonali.

84. L-eżistenza simultanja u parzjali tal-għan professjonali ma tistax, fil-fatt, tneħħi l-istatus ta' persuna li tissellef li tkun konsumatur "sempliċi". Sussegwentement, minħabba l-modalitajiet ta' predispożizzjoni u ta' konklużjoni tal-att, mill-proċess jirriżulta li t-tranżazzjoni ta' self iffirmata mill-persuni li ssellfu kienet indissolubbli. In-nuqqas ta' rikonoxximent tal-istatus ta' konsumatur lil wieħed miż-żewġ applikanti għall-għan professjonali simultanju ta' wieħed minn dawn it-tnejn għandu l-effett li jċaħħad ukoll mill-protezzjoni lill-persuna li tissellef li tkun konsumatur sempliċi. L-istituzzjoni ta' kreditu setgħet tipproponi lill-persuni li ssellfu żewġ negozji distinti b'mod li ma jkunx hemm sovrappożizzjoni tal-għanijiet.

85. Huwa importanti[52] wkoll il-fatt li skontu l-għoti tal-kreditu kien suġġett mill-bank konvenut għall-estinzjoni (għall-parti tas-somma mitluba) ta' obbligu ieħor ikkuntrattat fil-kuntest tal-attività kummerċjali tiegħu. Il-preżenza ta' dan il-fatt jista' jkollha r-rwol ta' kriterju diskrezzjonali għall-eżami tal-"assenza ta' predominanza" tal-għan professjonali peress li, fin-negozjati konkreti, l-għan professjonali huwa preżenti biss bħala "taxxa" mill-bejjiegħ jew fornitur[53].

86. Ċertament importanti, imbagħad, huwa l-aspett kwantitattiv, jiġifieri r-relazzjoni bejn l-ammont mogħti għall-għanijiet professjonali u dak għall-għanijiet ta' natura personali. Fil-kawża ineżami, ir-relazzjoni li kienet ta' 1:3 jidhirli li tista' xxaqleb, flimkien mal-elementi l-oħra, jekk jiġu pprovati, lejn "assenza ta' predominanza" tal-għan professjonali.

50 Ara s-sentenza tat-3 ta' Settembru 2015, Costea (C-110/14, EU:C:2015:538, punt 22).

51 Ara s-sentenza tat-3 ta' Settembru 2015, Costea (C-110/14, EU:C:2015:538, punt 23).

52 Ara wkoll l-osservazzjonijiet tal-Gvern Pollakk, punt 29.

53 Ara l-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni, punt 35, li skonthom "ir-rilevanza tal-intenzjoni ta' persuna partikolari fil-kuntest ta' tranżazzjoni konkreta sabiex jiġi ddeterminat jekk din il-persuna tistax titqies bħala konsumatur tirriżulta wkoll mir-raġunament tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża Kamenova", (sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Kamenova (C-105/17, EU:C:2018:808, punt 38).

*3. Fuq il-limitazzjoni tal-effetti tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ratione temporis.*

87. Finalment, il-konvenuta fil-kawża prinċipali titlob li l-effetti tas-sentenza jiġu limitati fil-każ fejn l-interpretazzjoni restrittiva tal-kunċett ta' "konsumatur" li tinsab fl-Artikolu 2(b) ma tiġix aċċettata.

88. F'dan ir-rigward, nosserva kif "huwa biss f'każijiet eċċezzjonali ferm li l-Qorti tal-Ġustizzja tista', b'applikazzjoni ta' prinċipju ġenerali ta' ċertezza legali inerenti fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, tillimita l-possibbiltà għal kull persuna kkonċernata li tinvoka dispożizzjoni li hija tkun interpretata bil-għan li tqiegħed inkwistjoni relazzjonijiet ġuridiċi stabbiliti f'*bona fide*. Sabiex tali limitazzjoni tkun tista' tingħata, huwa neċessarju li jiġu ssodisfatti żewġ kriterji essenzjali, jiġifieri l-*bona fide* tal-persuni kkonċernati u r-riskju ta' diffikultajiet serji" [54].

89. Il-konvenuta fil-kawża prinċipali, madankollu, ma tipprovdix indikazzjonijiet preċiżi u speċifiċi sabiex turi li ż-żewġ kundizzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq huma ssodisfatti. Fil-fatt, hija tillimita ruħha li tindika b'mod ġenerali fatti li ma humiex ta' natura li jissodisfaw l-imsemmija kundizzjonijiet.

90. Għal din ir-raġuni, inqis li d-domanda għandha tiġi miċħuda.

## IV. Konklużjoni

91. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula mis-Sąd Rejonowy dla Warszawy-Woli w Warszawie (il-Qorti Distrettwali ta' Varsavja - Wola, li għandha s-sede tagħha f'Varsavja, il-Polonja) kif ġej:

"L-Artikolu 2(b) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur, kif ukoll il-premessi tagħha

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

ma jipprekludux li fid-definizzjoni ta' "konsumatur" tkun inkluża persuna li teżerċita attività ekonomika li, flimkien ma' persuna oħra li tissellef li ma teżerċitax tali attività, tikkonkludi kuntratt ta' kreditu indiċjat f'munita barranija intiż, parzjalment, għal użu għan-negozju ta' wieħed mill-persuni li jissellfu, u parzjalment għal użu mhux relatat mal-attività ekonomika tiegħu, u dan mhux biss f'sitwazzjoni fejn l-użu għan-negozju huwa tant marġinali li għandu biss rwol minuri fil-kuntest ġenerali ta' tali kuntratt. Fil-fatt, fid-dawl tal-kriterji ta' interpretazzjoni mogħtija mill-premessa 17 tad-Direttiva 2011/83/UE, huwa biżżejjed, fil-każ ta' kuntratti b'għan doppju, li l-għan kummerċjali jkun tant limitat li ma jkunx predominanti fil-kuntest ġenerali tal-kuntratt.

L-Artikolu 2(b) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur, kif ukoll il-premessi tagħha

54 Ara s-sentenza tal-11 ta' Novembru 2020, DenizBank (C-287/19, EU:C:2020:897, punt 108 u l-ġurisprudenza ċċitata).

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

il-kwistjoni dwar jekk l-għan ta' natura kummerċjali jew professjonali huwiex predominanti fil-kuntest ġenerali tal-kuntratt għandha tiġi deċiża mill-qorti nazzjonali li għandha twettaq evalwazzjoni globali taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ konkret. Għal dan l-għan il-qorti nazzjonali, fil-każ ta' talba għal self magħmula lil istituzzjoni ta' kreditu, tista' tieħu inkunsiderazzjoni bħala kriterji għall-valutazzjoni tagħha: ir-relazzjoni bejn l-ammont imħallas għal għanijiet professjonali u dak imħallas għal għanijiet personali, il-fatt li s-self intalab b'mod konġunt minn persuna li ma teżerċita l-ebda attività professjonali jew kummerċjali u li ma għandhiex x'taqsam mal-attività kummerċjali tal-applikant l-ieħor; l-ikkundizzjonar eventwali tal-għoti ta' self għal għanijiet privati għall-ħlas simultanju tad-dejn ikkuntrattat għal għanijiet kummerċjali jew professjonali minn wieħed miż-żewġ applikanti".